**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2022/0407(CNS)**

13.12.2024

*****

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill dwar 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali
(15159/2024 – C10-0170/2024 – 2022/0407(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Ľudovít Ódor

(Konsultazzjoni mill-ġdid – l-Artikolu 86 tar-Regoli ta' Proċedura)



*Magħquda fid-diversità*

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................................6

## ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta’ direttiva tal-Kunsill dwar 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali**
**(15159/2024 – C10-0170/2024 – 2022/0407(CNS))**

**(Special legislative procedure – renewed consultation)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (15159/2024),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2022)0701),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-22 ta’ Novembru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0170/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2024),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] OJ C, C/2024/4246, 24.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4246/oj.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett ''Il-VAT fl-era diġitali'' (ViDA) li jikkonsisti fi tliet proposti:

- proposta għal **direttiva tal-Kunsill** li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali;
- proposta għal **regolament tal-Kunsill** li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali
- proposta għal **regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill** li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT

Il-pakkett żviluppa pjan ta' azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li enfasizza l-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar kif it-teknoloġija tista' tintuża fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u kif ir-regoli attwali tal-VAT fl-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu adattati għan-negozju fl-era diġitali. It-tliet bidliet biex il-VAT tkun adattata għall-era diġitali huma:

i) sistema ġdida ta' rapportar diġitali f'ħin reali bbażata fuq il-fatturazzjoni elettronika,
ii) aġġornament tar-regoli tal-VAT għall-ekonomija tal-pjattaformi u
iii) reġistrazzjoni unika tal-VAT għan-negozji li jbigħu lill-konsumaturi madwar l-UE.

Id-direttiva u r-regolament kienu soġġetti għal proċedura leġiżlattiva speċjali. Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat u ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Novembru 2023.

Fil-5 ta' Novembru 2024, il-Kunsill qabel dwar il-pakkett ViDA. Madankollu, minħabba d-differenzi sostanzjali bejn il-proposta tal-Kummissjoni (jiġifieri d-Direttiva) li dwarha l-Parlament Ewropew ġie kkonsultat inizjalment u t-test tal-Kunsill, fis-7 ta' Novembru 2024 il-Kunsill iddeċieda jikkonsulta mill-ġdid lill-Parlament Ewropew.

Ir-reġim tal-fornitur meqjus kien punt sinifikanti ta' kontestazzjoni fil-Kunsill, li jagħmilha partikolarment diffiċli li jintlaħaq kompromess finali.

Il-Kunsill iddeċieda li r-regoli tal-fornitur meqjus se jiġu introdotti l-ewwel fuq bażi volontarja mill-1 ta' Lulju 2028, u mbagħad obbligatorji mill-1 ta' Jannar 2030. L-Istati Membri se jkunu awtorizzati wkoll li jeżentaw lill-SMEs mir-reġim tal-fornitur meqjus mingħajr ma jkollhom għalfejn jirrapportaw lill-kumitat tal-VAT. Fl-ewwel opinjoni tiegħu, il-PE enfasizza l-ħtieġa li jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-SMEs.

Il-Kunsill introduċa wkoll aktar flessibbiltà għall-Istati Membri biex joperaw is-sistemi ta' fatturazzjoni tagħhom stess peress li ħafna Stati Membri diġà investew ħafna fis-software tagħhom stess. Fatturi fil-qosor huma wkoll introdotti mill-ġdid taħt ċerti kundizzjonijiet minkejja l-proposta tal-Kummissjoni li tipprojbixxihom. Il-Parlament iffavorixxa wkoll l-introduzzjoni mill-ġdid ta' fatturi fil-qosor sabiex jinżammu l-flessibbiltà u s-sempliċità għall-Istati Membri u n-negozji.

Dwar l-iskadenzi għall-implimentazzjoni, l-opinjoni tal-Parlament issuġġeriet skadenzi itwal milli propost mill-Kummissjoni. Il-Kunsill ikompli wkoll jestendi l-iskadenzi lil hinn mill-

proposti tal-Parlament.